# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 18 ta' Frar 2021**

**Rikors Numru : 355/2020 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**AC**

**u**

**KC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' AC u KC datat 13 ta' Ottubru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

i. *Illi l-esponenti iżżewġu nhar l-ewwel (1) ta' Mejju, tas-sena Elfejn u Sitta (2006) hekk kif jixhed iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ mal-preżenti anness u mmarkat* ***Dok A****.*

ii. *Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġt itfal, tifel bl-isem ta' NC imwieled f'X u tifla bl-isem ta' EC, imwielda Y hekk kif jixhdu l-Atti tat-Twelid mal-preżenti annessi u mmarkati* ***DOK B*** *u* ***DOK C*** *rispettivament.*

iii. *Illi l-partijiet ilhom isseparati de facto sa minn Ġunju tas-sena Elfejn u Sittax (2016) u konsegwentament isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono datat it-tnax (12) ta' Settembru, Elfejn u Dsatax (2019) hekk kif tixhed il-vera kopja tal-Kuntratt, mal-preżenti annessa u*

*mmarkata bħala* ***Dok D****.*

iv. *Illi ai finijiet tas-subartiklu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jigi dikjarat li ma hemm ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti, u għalhekk dan ir-rekwiżit huwa sodisfatt, stante illi l-partijiet għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u ilhom snin f'dan l-istat.*

v. *Illi ma hemm ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment, bejn il-kontendenti, la fil-konfront ta' xulxin u la fil-konfront tal-minuri uliedhom stante illi l-esponenti KC dejjem għadda l-ħlas tal-manteniment għall-istess minuri b'kooperazzjoni sħiħa mal-esponenti AC.*

vi. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

ii. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**AC xehdet** (vide affidavit a fol 13 et seqq.) illi hija zzewget lil KC nhar l-1 ta' Mejju 2006. Sostniet illi meta zzewget, kien ghad kellha biss wiehed u ghoxrin (21) sena u sussegwentement fl-2007 tilfet lil ommha, li din hallietilha effett negattiv. Xehdet illi fl-2009 twieldet it-tifla taghhom b'kundizzjoni tas-*Selective Mutism*, liema sitwazzjoni kompliet titfa stress fuq ir-relazzjoni ta' bejniethom. Iddikjarat illi fl-2010 marru jghixu fi blokka bini ta' missierha armel, u minn hemm hekk iktar kompliet sejra lura ir-relazzjoni taghhom li waslu sabiex fl-2016, zewgha mar jghix mal-genituri tieghu u ghadu jghix hemm sal-lum. Minkejja kull argument, il-kontendenti dejjem ftehmu fuq it-tfal, filfatt hi qatt ma cahdet lil zewgha minn uliedu. Sussegwentement, huma kienu tkellmu sabiex din is-separazzjoni isir wahda legali u bil-miktub u li tkun rikonoxxuta mill-Istat sabiex l-intimat ikun jista anke jixtri proprjeta f'ismu u b'hekk iffirmaw il-kuntratt ta Separazzjoni nhar it-12 ta' Settembru 2019. Di piu' xehdet illi wara erba' snin u nofs, huma ghadhom jikkomunikaw biss fir-rigward ta' wliedhom u ghalhekk iddecidew illi japplikaw ghad-divorzju sabiex it-tnejn li huma jkunu jistghu jidhlu fi zwieg iehor. Finalment ikkonfermat illi l-manteniment tat-tfal dejjem thallas u ghalhekk ma hemmx arretrati.

**KC xehed** (vide affidavit fol 15) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet r-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Mejju 2006 (certifikat numru 421/2006, vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw de facto sa minn Gunju 2016, filwaqt li is-separazzjoni legali sehhet permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono, datat 12 ta' Settembru 2019 (vide Dok D, fol 6 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ghexu separati minn xulxin ghal aktar minn zmien minn dak snin rikjesti mill-ligi.

Di piu' jirrizulta li ma hemmx arretrati ta' manteniment dovut.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet li ghandu c-certifikat numru 421/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**